# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru   24**

**Avviz  numru  730/00/SM**

**Indian Foods Company Limited**

**vs**

**Maria Giuseppa Caruana, John u Mary Doris konjugi Caruana, u b'digriet tat-30 t'Awissu, 2001 Joseph Caruana, Carmen Dalli u l-assenti Mary Rademaker kjamati in kawza u b'digriet tal-20 ta' Settembru 2001 Dr. Beppe Fenech Adami bhala kuratur ghall-assenti Mary Rademaker**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-1 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti**

**quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

1. **Ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM692 jew somma ohra verjuri li tillikwida dina l-Qorti u rapprezentanti danni kagjonati minnhom fil-fond 83, Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan, proprjeta' tas-socjeta' attrici, prevja d-dikjarazzjoni li huma responsabbli ghall-imsemmija danni;**

2. **Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' April, 2000, u b'dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali, kontrihom u huma ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-30 t'Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:**

1. **Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kaz fl-ismijiet hawn fuq premessi;**

2. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat id-digriet taghha datat t-22 ta' Lulju tas-sena 2001 li permezz tieghu ordna l-kjamata in kawza tal-persuni hemm indikati;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata 9 t' Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha l-kuratur ghall-assenti hemm indikata eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi huwa ma huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza;**

2. **B'rizerva ghal eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkun edott mill-fatti;**

**Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza datata d-19 ta' Frar tas-sena 2002 li permezz taghha eccepew is-segwenti:**

1. **Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici;**

2. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti kollha esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:**

1. **Illi f'Dicembru ta' l-1999 il-proprjeta' tas-socjeta' attrici soffriet hsarat meta passagg fuq bitha interna li jigi fuq din il-proprjeta' waqa';**

2. **Illi d-danni sofferti mis-socjeta' attrici kagun ta' dan l-isfrondament tal-passagg jammonta ghall-sitt mija u tnejn u disghin Lira Maltin, (LM692.00,0);**

3. **Illi l-konvenuti u l-kjamati in kawza jsostnu li r-raguni ghall-isprofondiment ta' dan il-passagg kienet cumnija ta' proporzjonijiet kbar li l-istess socjeta' attrici kienet bniet minghajr il-permessi u l-kawteli kollha dovuti, liema cumnija kienet tizbroffa proprju hdejn il-passagg de quo;**

4. **Illi kagun tal-fwar kbar li kien jizbroffa hdejn dan il-passagg, dan ceda bil-konsegwenzi kollha nefasti li sehhew;**

5. **Illi ezami ta' arkittet imqabbad mill-konvenuti jikkonferma dan;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi rizultat tas-suespost jidher aktar probabbli li l-kagun tal-izbroff in dizamina kien proprju l-imperizja li biha inbniet ic-cumnija de quo, molto piu', meta jirrizulta li l-passagg**

**de quo ceda biss mill-parti fejn l-evaporazzjonijiet tal-kcina tas-socjeta' attrici kienu jizbruffaw;**

**Ghaldaqstant, filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet prodotti tirrespingi t-talbiet tas-socjeta' attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**